**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (3)

Inkomplu b'siltiet oħra mill-intervista ta' Piju Grech mill-Isla li ngħatat bidu matul il-ġimgħa li għaddiet. Fil-puntata tal-gimgħa l-oħra Piju kien qed jitkellem dwar sehem l-Isla u l-qawwa tagħha fit-Tiġrija tal-Vitorja ta' żgħożitu:

*Piju, x'jiftakar sewwa dwar it-tiġrijiet ta' bejn iż-żewġ dinjija? (1920 -1938):*

... issa ħalli niġi għal żmieni ħalli ngħidlek x'niftakar jien wara l-Gwerra l-Kbira.

Niftakar li fl-1920 aħna konna rbaħna żewġ paljijiet mis-sitta. Dawn kienu tad-dgħajjes tal-Midalji bil-qaddiefa Salvu Formosa (il-Pa Salv) missier Salvu li int tiftakru jaqdef wara l-gwerra, l-aħwa Pawlu u Xandru Chircop li aħna konna nsibuhom bħala tas-Snoppijiet u Karmnu Cachia (il-Kaxu) iz-ziju ta' Gustu Cachia (Battajola).

Dan kien wieħed mill-aqwa ekwipaġġi li kellha l-Isla f'dik l-epoka u kull meta ġerrew flimkien dejjem rebħu wieħed mill-paljijiet. L-ieħor kien tal-Kajjikki t-twal. Fl-1921, kif għedtlek, l-Isla ma ħaditx sehem fit-tiġrija minħabba l-inkurunazzjoni tal-Bambina.

Jien sal-lum għadni ma nafx x'kienet ir-raġuni li l-Isla ma ħaditx sehem meta l-inkurunazzjoni kienet saret fl-4 ta' Settembru, u l-festa saret bħas-soltu fit-8 ta' Settembru.... ma nistax nifhem għaliex ma ħadux sehem ... li kieku ħadna sehem u rbaħna xi paljijiet kieku kien ikollna festa isbaħ u żgur konna nifirħu aktar!

*X'tiftakar aktar dwar l-Isla ta' dak iż-żmien?*

... niftakar li fis-sena ta' wara rbaħna t-tiġrija tal-Ferilli minflok tal-Midalji u rbħana wkoll tal-Kajjikki. Minn dik is-sena 'l quddiem ma ħarisniex lura ... l-imgħallmin tagħna bdew jibnu Ferilla tat-tiġrija – ferilla aktar ħafifa, apposta għat-tiġrija u żewġ Kajjikki 'Fancy' – Portu Salvu u St. Anthony.

Kellna dgħajsa ġdida tal-Midalji u nbniet oħra li ssemmiet Santa Marija. Dik is-sena kienu nbnew żewġ dgħajjes tax-xogħol li kienu tajbin għat-tiġrija, allura kif tista timmaġina l-Isla kienet armata tajba. Barklori li riedu jieħdu sehem kien hemm ħafna, u għalhekk kellna minn fejn nagħżlu mhux bħad-distretti oħra.

Fl-1924, il-Ferilli daħlu tnejn, erbaħna ieħor tal-Midalji u l-ewwel fil-Kajjikki. F'din it-tiġrija Marsamxett ipprotestaw mal-awtoritá fuq il-Ferilli tal-Isla, u kien hemm min qal li l-Isla ħadu l-ewwel għax telqu qabel u ma sarx tluq ieħor f'nofs il-korsa. Hawnhekk nixtieq li nfehmek li t-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra ma kinux isiru kif isiru llum.

It-tluq minn Ras Ħanżir ma kienx isir bil-ħabel, iżda l-Ferilli, Dgħajjes, Kajjikki kienu joqogħdu f'linja dritta u meta l-gurat jidhirlu li l-opri kollha qegħdin *in line* kienet titniżżel il-bandiera bħala sinjal tat-tluq minn fuq il-lanċa.

F'intervisti oħra, fejn jidħlu l-False Starts (ħruġ ħażin) fir-Regatta, xi qaddiefa sostnew li f'dak iż-żmien l-*Istarter* mhux dejjem mexa mar-regolament li kull meta jkun hemm ħruq ħażin iwaqqaf it-tiġrija u jibdiha mill-ġdid:

... veru ... mhux l-ewwel darba li kien hemm dgħajjes li ħarġu qabel ingħata s-sinjal, allura l-*Istarter* kien iwaqqaf it-tiġrija, jgħajjat lill-opri, u meta jara li kulħadd qiegħed f'postu, jerġa' jagħti s-sinjal.

Mhux l-ewwel darba li kien hemm ħruġ ħażin u ħallihom, dejjem skond liema distrett kien jinzerta fuq quddiem.

... Inkomplu! Marsamxett komplew jipprotestaw li l-Ferilli tal-Isla kienu eħfef minn tagħhom u għalhekk, bil-ferilli tax-xogħol li kienu jipparteċipaw bihom fir-Regatta, huma ma kellhomx ċans li xi darba jgħadduhom. Ovvjament din kienet skuża ... dawn kienu jibżgħu minna għax konna aħjar minnhom ... li kieku riedu setgħu jibnu Ferilli ħfief bħalna, kellhom il-flus u kellhom ukoll bennejja li kienu lesti li jibnuhom ferilla ħafifa, iżda ma ridux ...

Ma nafx jekk iniex korrett jekk ngħid li intom, bil- bini tal-Ferilli 'Fancy' sibtu mezz kif tkissru id-dominaza Beltija li kienu ilhom snin igawdu f'din il-korsa ... sewwa qed ngħid?:

.... le, le żbaljat ħafna ... aħna kellna tliet Ferilli tqal ħafna u ma kinux tajbin għat-tiġrija ... jekk tkellem lil Ġużeppi Formosa (In-Niger) dak jaf jgħidlek aktar minni fuq il-Ferilli ... aħna konna nikru l-Ferilli mill-Kalkara, u ħafna drabi kienu jkunu xi ftit itwal u itqal minn dawk li kienu jġerru bihom Marsamxett ... barra hekk Marsamxett kellhom timijiet ta' qaddiefa għall-Ferilli biss ... tinsiex li kemm kellhom qaddiefa ... tagħna kienu jkunu mill-Isla waqt li tagħhom kienu jkunu mill-port ta' Marsamxett kollu.



Wistin Grogan (il-Ħmar t'Alla) u Ċikku Fenech wara r-rebħa tagħhom fir-Regatta, fl-1921

Aħna ridna nibnu u ntellqu b'Ferilli tat-Tiġrija, bħalma kienu d-dgħajjes tal-Midalji u l-Kajjikki twal. Fl-1925 l-Isla bdew Ferilla oħra 'Marija Bambina' u meta l-Beltin rawha fil-provi, iddeċidew li ma jieħdux sehem, mhux biss fil-ferilli iżda fit-tiġrijiet kollha.

L-awtoritajiet tad-dwana tħassbu ħafna, u biex ma jikrsruha ma' ħadd, il-kollettur tad-dwana ssuġġerixa li jsiru żewġ tiġrijiet tal-Ferilli, fl-ewwel tiġrija jaqdfu fiha l-Ferilli tal-Isla waħedhom, u f'tiġrija oħra jaqdfu l-Ferilli ta' Marsamxett. B'hekk din it-tiġrija li għall-għexieren tas-snin kienet meqjusa bħala l-aktar korsa akkanita ta' kull Regatta tilfet l-interess tagħha fost id-dilettanti u ma baqgħetx issir.

Wara l-gwerra l-Isla ppruvaw iqajmu mill-ġdid din it-tiġrija, iżda ma kienx hemm interess mid-distretti l-oħra ... ħadd ma jaf għaliex ... kien hemm min qal li peress ħafna mill-opri tat-tiġrija li kienu jipparteċipaw bihom id-distretti tkissru bil-bombi tal-gwerra u għalhekk l-ebda distrett ma kellu flus biex jibni Ferilli apposta għat-tiġrija.

Madankollu niftakar li fil-bidu tas-snin ħamsin, il-Marsa kienu tħajru jieħdu sehem f'din it-tiġrija, iżda meta raw li bil-Ferilla li kienu se jieħdu sehem biha ma kellhomx ċans jgħaddu lil tagħna, irtiraw minnha. Minħabba nuqqas ta' interess mid-distretti din it-tiġrija mietet mewta naturali .

Għalissa nħallu intervista ta' Piju Grech naraw x'kellu jgħidilna Ġużeppi Pisani, dilettant mill-Kalkara. Jien iltqajt ma' Pisani (anzjan) fix-xatt tal-Kalkara fl-aħħar tas-snin 70 u tkellimna fit-tul dwar ir-Regatta in ġenerali. Fejn tidħol il-Kalkara wrieni ritratt ta' dgħajsa ta' bi Tnejn bil-palju tal-ewwel fuq ir-rota ta' quddiem u bandiera bis-serduq fuq ir-rota ta' wara.

*X'taf tgħidli dwar dan ir-ritratt staqsejtu:*

Dan hu Wistin Grogan ... wieħed mill-aqwa qaddiefa li kellha l-Kalkara fil-passat ... jien niftakru tajjeb, hu u sieħbu Kieki Stivala kienu jieħdu sehem fil-korsa ta' bi Tnejn xi sentejn qabel Karmnu Geach tal-Posta u Pietru Farrugia t-Tinejt ta' Bormla.

Rebaħ dan il-palju tliet darbiet! Wistin kien qaddief tajjeb u miegħu ġieli qadfu qaddiefa oħra, bħal Ġużeppi Busuttil u Ċikku Fenech.

Niftakar li qabel, fl-1921, l-Isla kellhom koppja tajba li kienet tbaħħar fuq il-vapuri tal-Gwerra - mingħalija ta' bil-wieqfa kienu jsibuħ bħala Karmnu Caruana l-Vopa u kuġinuh li aktarx kienu jismu wkoll Karmnu.

Din il-koppja ġieli rebħet it-tazza li l-ammiraljat kien jagħti bħala premju lil dik il-koppja li kien jirnexxielha tirbaħ ir-Regatta li n-Navy kienet torganizza fil-Port il-Kbir fost il-barklori li kienu jsiefru mal-bastimenti tal-gwerra.

Dak iż-żmien, f'din il-korsa, anke fit-Tiġrija tal-Vitorja, il-qaddiefa kienu jbiddlu posthom waqt il-korsa xi tliet darbiet. Din kienet is-sistema ta' qdif li kienet tintuża f'din il-korsa f'dik l-epoka, iżda fl-1920, Wistin u sieħbu ddeċiedew li jbiddlu din is-sistema!

Waqt li kull koppja, waqt l-andament tat-tiġrija kienet toqgħod attenta għall-avversarji tagħha biex il-bdil ta' pożizzjoni jsir f'daqqa u b'hekk ħadd ma jieħu vantaġġ fuq l-ieħor, f'ħin minnhom Wistin għamel mossa li kien se jbiddel postu, iżda fil-fatt rega' f'postu u kompla jaqdef bilwieqfa sad-dħul.

B'hekk f'dik is-sena, il-koppja Kalkariża, iffurmata minn Wistin Grogan u Kieli Stivala (il-Waħx), mhux biss rebħet il-palju ta' bi Tnejn, iżda rnexxielha wkoll tbiddel is-sistema ta' qdif li għadha tintuża sal-lum ...

*Qed ninnota li fuq ir-rota ta' wara hemm bandiera bis-serduq ... din il-bandiera tindika xi ħaġa partikolari?*

Fit-tiġrija tal-Vitorja hemm drawwa li kull palju li jintrebaħ tliet darbiet wara xulxin, l-ekwipaġġ idendel bandiera b'Serduq fiha... wara l-gwerra, f'nofs is-snin ħamsin niftakar lill-partitarji Sengleani jdendlu bandiera kbira bis-serduq mal-Gardjola.

Imma int semmejt li Wistin rebaħ dan il-palju fl-1920, sentejn qabel il-koppja Bormliża rebħet dan il-palju. Issa aħna nafu li l-gwerra l-kbira ntemmet fl-1918 ... allura nistaqsik, dan il-palju ntrebaħ ukoll fl-1919 u fl-1921?

Iva, Grogan rebħu tliet darbiet ma' qaddiefa differenti ... hekk tindika dik il-bandiera bis-serduk ... dwar l-1919 ma nafx ngħidlek eżatt għax kienet is-sena ta' wara l-Ewwel Gwerra Dinjija u f'Malta kien hawn ħafna taħwid ... iżda kif għedtlek, tradizzjonalment, bandiera bis-Serduq fir-Regatta tfisser tliet rebħiet infila.

Għaldaqstant kollox jindika li, fl-1919, kienu saru xi tiġrijiet, jista' jkun li mhux it-tiġrijiet tradizzjonali kollha saru f'dik is-sena, iżda jekk il-Bormliżi jsostnu li l-ewwel rebħa tal-koppja, it-Tinejt u tal-Posta kienet fl-1922, allura bilfors li fl-1919 kienu saru xi tiġrijiet tad-dgħajjes fil-Port il-Kbir, u waħda minnhom kienet dik ta' bi Tnejn li ntrebħet minn Wistin Grogan tal-Kalkara...

*ikompli darba oħra*